**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tas-07 ta' Novembru, 2019**

**Talba Numru: 460/2017 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 28.**

**Untours Insurance Agents Limited (C-5655)**
**A3 Towers Level 0,**
**Triq l-Arkata,**
**Rahal Gdid**
**Vs**
**Mary Elvia Casha (K.I. 447071M)**
**Block Y3, Flat 2,**
**Triq id-Deheb Fin,**
**Qormi**
**u**
**Abigail Casha (K.I. 46895M)**
**35 Flat 1,**
**Triq il-Kuncizzjoni,**
**Msida**
**u**
**Tyrone Difesa (K.I. 335097M)**
**102, Oleander,**
**Trriq ta' Marmora,**
**San Giljan**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mis-socjeta' attrici fid-29 ta' Settembru, 2017 li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet li l-konvenuti jigu ordnati jhallsu lill-istess socjeta' s-somma

ta' elf hames mija u disgha u tletin ewro u hamsa u tletin centezmu (€1,539.35c) rapprezentant spejjez in korsi fid-decizjoni tas-06 ta' April, 2017 fl-ismijiet: Mapfre Middlesea Insurance plc et vs Untours Insurance Agents Limited wara li fil-31 ta' Mejju, 2014 il-vettura numru CBR 697 li kienet assikurata fuq Mary Elvira Casha bil-polza "TP only over 25" awtorizzat lil Tyrone Difesa li kellha dsatax-il sena jsuq l-istess vettura minghajr ma kellu licenzja valida.

Ra r-risposta tal-konvenut Tyrone Difesa a fol 23 (overleaf) li permezz taghha eccepew li ma jirrizulta ebda appell fl-ammont indikat mis-socjeta' attrici; li l-konvenut Tyrone Difesa m'ghandux ikun ikkundannat ihallas ebda ammont stante li huwa ma kienx parti fl-ebda procedura civili u ghalhekk il-konvenut ma setax jiddefendi lilu nnifsu; li l-konvenut lanqas kien xhud fi procedura ta' arbitragg.

Ra l-affidavit ta' Richard Vella a fol 27 CEO tas-socjeta' attrici li fil-31 ta' Mejju, 2014 l-vettura Toyota Vitz bin-numru ta' registrazzjoni CBR 697 proprjeta' tal-konvenuta Casha li kienet assikurata that polza "TP only with authorized driver over" mas-socjeta' attrici u li f'dik id-data certu Abigail Casha saqet il-vettura minghajr ma kellha polza li tkopriha stante li kellha biss dsatax-il sena kif ukoll ghaddiet il-vettura lil Tyron Difesa li ma kellux licenzja stante li kellu biss sbatax-il sena u saq il-vettura b'sewqan eccessiv sa ma dahal fi tlett vetturi u kkaguna l-incident tat-traffiku f'Tas Sliema. Is-socjeta' attrici hallset ghad-danni mgarba fl-ammont ta' elf hames mija disgha u tletin ewro u hamsa u tletin centezmu (€1,539.35c) wara decizjoni tal-arbtiragg numru ARBM 4714/16 u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ra d-digriet ta' dan it-Tribunal a fol 48 li permezz tieghu ddikjara li l-konvenuti Casha huma kontumaci.

Ra l-affidavit tal-konvenut Tyrone Difesa a fol 131 li permezz tieghu xehed li huwa habiba ta' JJ Pace li johrog mal-konvenuta Abigail Casha. Huwa raha kemm il darba ssuq il-vettura Toyota Vitz u qatt ma taha kaz setax ikollha licenzja jew le. Telgha fil-karozza ma erba' min-nies u bdiet issuq Abigail Casha. F'hin minnhom qaltlu biex isuq ghax mhix thossha tajba u ghalkemm qalilha li ma ghandux licenzja, hija bdiet tippressah biex isuq u hekk ghamel. Huwa beda jsuq u ppanikkja u x'hin waslu hdejn il-lukanda Preluna habat

bil-karozza. Huwa ammetta l-proceduri kriminali li l-pulizija hadu kontra tieghu liema sentenza giet konfermata fl-appell.

Ra li l-partijiet ghalqu l-provi u talbu li jaghmlu nota liema talba giet milqugha.

Ra li l-konvenut Tyrone Difesa biss pprezenta tali nota

Ra d-dokumenti kollha prodotti

Ikkunsidra,

Li t-talba tas-socjeta' attrici tirrigwarda d-decizjoni moghtija mic-Centru Malti tal-Arbitragg fl-atti tal-Arbitragg Mandatarju numru M4714/2016 fl-ismijiet: Mapfre Middlesea plc et vs Untours Insurance Agents Limited moghtija fis-06 ta' April, 2017 li permezz taghha gie deciz li s-sewwieq tal-vettura CBR 697 kien responsabbli ghall-incident in kwistjoni u ghal kull danni rizultanti u konsegwenzjali nkorsi mis-socjeta' attrici u ordnat li s-somma ta' hames mija u sitta u hamsin ewro u erbgha u erbghin centezmu (€556.44c) jithallsu mis-socjeta' Untours Insurance Agency Limited bl-imghax legali fuq il-quantum tad-danni likwidati mid-data tal-incident sal-pagament effettiv bi dritt ta' rivalza riservat lill-istess socjeta' Untours Insurance Agents Limited.

Illi meta wiehed jifli tali sentenza jirrizulta li d-danni huma ta' hames mija sitta u hamsin ewro u erbgha u erbghin centezmu (€556.44c) u mill-atti ma jirrizultax li s-socjeta' attrici ghamlet ebda prova dwar is-somma kollha pretiza minnha ghajr din ta' hames mija sitta u hamsin ewro u erbgha u erbghin centezmu (€556.44c) tant li anke a fol 12 jirrizulta li t-talba quddiem l-Arbitragg kienet giet ridotta minn dik ta' elf hames mija sebgha u ghoxrin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€1,527.55c) ghal dik ta' hames mija sitta u hamsin ewro u erbgha u erbghin centezmu (€556.44c).

Illi ghalhekk dan jaqbel ma' dak sottomess fin-nota tieghu Tyrone Difesa meta jikkontendi li se mai ma ghandux ihallas aktar minn hames mija sitta u hamsin ewro u erbgha u erbghin centezmu (€556.44c) u dan ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija.

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici limitatament ghas-somma ta' hames mija sitta u hamsin ewro u erbgha u erbghin centezmu (€556.44c).

Dwar min ghandu jhallas tali ammont mill-konvenuti dan it-Tribunal ikkunsidra l-ammissjoni tal-konvenut Difesa fil-proceduri kriminali li l-Pulizija hadet kontra tieghu dwar l-akkadut u l-fatt li l-konvenuta Abigail Casha ppermettiet lil istess Difesa isuq tali vettura meta kienet taf li mhux biss ma kellux assikurazzjoni izda wkoll lanqas kellu licenzja tas-sewqan bhala wiehed irresponsabbli u ghalhekk ghandha flimkien ma' Difesa taghmel tajjeb ghal dawn id-danni.

Rigward il-konvenuta l-ohra Mary Elvira Casha ma ngabet ebda prova li hija ppermettiet lil Abigail Casha biex tuza l-vettura taghha u ghalhekk dan it-Tribunal ma jsib ebda responsabilita' fil-konfront taghha.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici limittament ghas-somma ta' hames mija sitta u hamsin ewro u erbgha u erbghin centezmu (€556.44c) u jordna lill-konvenuti Tyrone Difesa u lil Abigail Casha sabiex ihallsu *in solidum* lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija sitta u hamsin ewro u erbgha u erbghin centezmu (€556.44c) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' dan l-Avviz sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali nmru 1865/16 u tal-Arbitragg, a karigu tal-istess zewg konvenuti *in solidum*.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**